# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 453/22 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Elmira Rashidovna Ibbotson sive Elmira Ibbotson li ghandha Passaport Malti bin-numru MT073298**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Kevin F. Dingli bhala mandatarju tal-assenti Elmira Rashidovna Ibbotson sive Elmira Ibbotson li talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti Elmira Rashidovna Ibbotson *sive* Elmira Ibbotson, kif debitament rappresentata, twieldet go Tashkent, Uzbekistan, dak iz-zmien formanti parti mill-Unjoni tar-Repubbliki Socjalisti Sovjetici, fis-16 ta' Marzu 1957, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 91 registrat gewwa Chashtepensky, Tashkentsky, Tashkent, Uzbekistan, Unjoni tar-Republliki Socjalisti Sovjetici hawn anness u mmarkat bhala **Dokument "EI-1"**.

2. Illi skont ma jirrizulta mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid, mat-twelid taghha r-rikorrenti inghatat ukoll l-isem patronomiku "Rashidovna", liema isem gie inserit wara isimha proprju "Elmira", u kunjom xebba tar-rikorrenti kien "Valitova";

3. Illi fis-17 ta' April, 2009, ir-rikorrenti iccelebrat zwieg ma' James Gary Ibbotson, liema zwieg gie registrat fil-21 ta' April, 2009, u dan kif jirrizulta minn estratt tac-Certifikat taz-Zwieg mahrug mill-Clark County ta' Nevada, fl-1 ta' Mejju 2009 hawn anness u mmarkat bhala **Dokument "EI–2";**

4. Illi fil-25 ta' April, 2022 ir-rikorrenti, ottjeniet permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L.188.03), ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, u dana skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "EI-3".**

5. Illi sussegwentement bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, fuq talba tar-rikorrenti, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti fis-26 ta' April, 2022 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 1911, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dokument "EI-4'** .

6. Illi, nonostante l-fatt li, skont kif fuq premess, mat-twelid taghha r-rikorrenti giet moghtija wkoll l-isem patronomiku ta' "Rashidovna", fir-realta' l-istess rikorrenti mat-trapass taz-zmien ma baqghetx tuza dana l-isem patronomiku "Rashidovna" bhala parti minn isimha, u dan kif jidher anke mid-dokumenti ufficjali mahruga a favur tar-rikorrenti kif sejjer jigi premess aktar il-quddiem.

7. Illi l-isem patronomiku "Rashidovna", illi huwa isem derivat minn isem missier it-tarbija, illi f'dan il-kaz kien jismu "Rashid", ifisser illi r-rikorrenti hija bint dana "Rashid". L-isem patronomiku hija uzanza fil-pajjizi tal-lvant tal-Ewropa, specjalment fir-Russja u f'dawk il-pajjizi, inkluz l-Uzbekistan, illi kienu darba jiffurmaw parti mill-Unjoni tar-Republliki Socjalisti Sovjetici, u jinghata awtomatikament mat-twelid tat-tarbija u ghalhekk bhala isem derivat minn isem il-missier ma huwiex isem moghti lill-istess tarbija bhal ma huwa l-ewwel isem;

8. Illi difatti l-isem tar-rikorrenti huwa indikat bhala "Elmira Ibbotson" biss f' diversi dokumenti ufficjali u cioe' **(i)** fil-passaport Canadiz bin-numru ufficjali AB317867 mahrug fir-rigward taghha fid-29 ta' Marzu 2017 li kopja tieghu hija hawn annessa u

mmarkata bhala **Dokument "EI-5"**; **(ii)** fil-Permanent Resident Visa li inharget a favur tar-rikorrenti fis-27 ta' Ottubru 2017 taht in New Zealand Immigration Act 2009 li ggib in-numru ufficjali ta' 14416424 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "EI-6"**; **(iii)** fil-licenza tas-sewqan Canadiza mahruga a favur ir-rikorrenti li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "EI-7"**; kif ukoll **(iv)** fil-Permess ta' Residenza tar-rikorrenti li nhareg mill-Malta Identity Management Office fis-17 ta' Lulju 2020 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkata bhala **Dokument "EI-8 "**.

9. llli ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq illi jigi emendat l-Att tat-Twelid taghha kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-26 ta' April, 2022 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1911, sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrenti hija konsistentement maghrufa u msejjha u cioe' dak ta' "Elmira" bhala isem, u "Valitova" bhala kunjom.

12. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent nomine jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1911 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-26 ta' April, 2022, billi l-isem patronomiku tar-rikorrenti "Rashidovna" jitnehha u jithalla biss l-isem "Elmira", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti hija konsistentement maghrufa u msejjha, l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara "Elmira" bhala isem u "Valitova" bhala kunjom; u konsegwentement;

2 Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu ghall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat ċivili iehor relattiv għall-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jibda billi jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat promotur;

3. Illi mill-att tat-twelid ta' Elmira Rashidovna Ibbotson nee' Valitova, innumerat 1911/2022, kopja ta' liema ġiet annessa minnha mar-rikors promotur tagħha u mmarkata Dok. EI-4, jirriżulta li hija twieldet f'Uzbek SSR, fis-16 ta' Marzu 1957, lil Rashid Safiullinovich Valitov u lil Nelya Valitova;

4. Illi l-att tat-twelid tagħha, *qua* att tal-istat ċivili esteru, ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku f'pajjiżna ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-esponent ittraskriva l-informazzjoni li tinsab fl-att esteru *ad verbatim* fl-att lokali;

5. Illi minn traduzzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti, kopja awtentikata ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. DRP 1**, u mir-*Request for Birth Registration Form*, kopja awtentikata ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok. DRP 2**, jirriżulta li 'Rashidovna' kien jifforma parti minn isem ir-rikorrenti fil-mument tat-twelid tagħha, u għalhekk huwa evidenti illi l-att tat-twelid Malti tagħha jirriproduċi testwalment l-informazzjoni li tinsab fl-att tat-twelid esteru tagħha. Dan naturalment juri li ma sar ebda żball u li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-esponent;

6. Illi r-rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni bil-għan li isimha fuq l-att tat-twelid Malti ma jibqax juri l-isem patronomiku 'Rashidovna', billi tistqarr li hija komunement magħrufa bħala Elmira Ibbotson, kif juru d-dokumenti li ssottomettiet in sostenn tat-talbiet tagħha;

7. Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. F'dan ir-rigward qed jiġi kkjarifikat li kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kif dedotti, l-isem 'Rashidovna' ser jitneħħa kemm mill-kolonna intestata 'ismijiet mogħtija' kif ukoll mill-kolonna intestata 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom' fuq l-att tat-twelid tagħha;

8. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Għal kull buon fini qed jingħad illi m'hemmx il-ħtieġa li jiġi korrett l-Att taż-Żwieġ innumerat 606/2022 stante illi l-isem Rashidovna ma jiffugurax f'tali att;

9. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 21 tal-process;

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent li tevidenzja illi r-rikorrenti effettivament hija maghrufa bl-isem biss ta' 'Elmira' u mhux b'dak ta' 'Elmira Rashidovna';

Il-Qorti rat ukoll illi l-kunjom odjern tar-rikorrenti Ibbotson huwa l-kunjom ta' mizzewga u kkonfermat ukoll li kunjomha mat-twelid kien Valitova;

Rat ukoll l-affidavits esebiti fl-atti li lkoll jikkonfermaw illi r-rikorrenti effettivament hija maghrufa biss bl-isem ta' 'Elmira';

Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1911 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-26 ta' April, 2022, billi l-isem patronomiku tar-rikorrenti "Rashidovna" jitnehha u jithalla biss l-isem "Elmira", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti hija konsistentement maghrufa u msejjha, l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara "Elmira" bhala isem u "Valitova" bhala kunjom b'referenza ghal kunjom taghha mat-twelid;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi

jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili;

4. Tilqa' t-tielet talba limitatament biss ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Ottubru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Ottubru 2022**